

# X'jisimha t-Triq?



minn Tony Terribile

Ħal Qormi hu raħal kbir u mifrux ħafna li wieħed jista' jasal għalih minn bosta naħat bħalma huma l-Marsa, Ħal Luqa, Ħaż-Żebbuġ u mill-Imrieħel. Minn hawn, fuq ix-xaqliba magħrufa bħala ta' *San Ġwakkin* wieħed jista' jaqbad dehra mperċa ta' dan ir-raħal.

Fl-imgħoddi mbiegħed Ħal Qormi kien ferm ikbar milli hu llum, biżżejjed ngħidu li parti kbira mill-Ħamrun, Santa Venera u l-Marsa kienu jagħmlu parti minnu. L-Għolja Sceberras, jiġifieri l-post fejn illum insibu l-Belt Valletta, kienet ukoll tifforma parti minn dan it-territorju.

Ħal Qormi baqa' jikber, seklu wara l-ieħor iżda nistgħu ngħidu li fis-seklu għoxrin dan ir-raħal far bil-bini, u l-inħawi li kienu kollha raba', bħal ta' Farsina, tal-Ħlas, San Bastjan, u nħawi, imtlew bil-bini.

Dan ir-raħal għandu storja kbira u mqanqla, minsuġa bosta drabi, ma' ġrajjiet Malta.

Bosta drabi matul is-sekli, ulied dan ir-raħal għamlu isem fil-ħajja tal-poplu tagħna u għalhekk ma jistax jonqos li dan ir-raħal ma jiġix mogħti t-titlu ta' Belt. Kellu jkun il-Gran Mastru Emmanuel Pinto de Fonseca, li fis-seklu tmintax, żejjen lil dan ir-raħal bit-titlu ta' **Belt Pinto**.

Kif inhu xieraq, waħda mit-toroq magħrufa ta' dan ir-raħal ġiet imsemmija għal dan il-gran mastru li saltan fuq Malta bejn l-1741 u l-1773. Kien mil-lingwa tal-Portugal fejn twieled fl-24 ta' Mejju ta' l-1681 u kien iben ta' waħda mill-familji nobbli Portugiżi.

Kellu biss sentejn meta ġie milqugħ membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann u dan, b'dispensa tal-Papa. Meta kellu ħdax-il sena ġie Malta bħala wieħed mill-paġġi tal-Gran Mastru Ramon Perellos. Għadda ż-żogħżija tiegħu jistudja fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti.

Fl-Ordni kellu bosta karigi importanti li wassluh biex jilħaq fl-ogħla kariga tat-tmexxija ta' l-Ordni u tal-gżejjer tagħna. Dam tlieta u tletin sena gran mastru li matulhom kellu ġrajjiet imżewqa b'kollox!

Miet ta' 92 sena fl-1773. Warajh ħalla tifkiriet, fosthom it-titlu ta' Belt Pinto, lil Ħal Qormi.

Fid-daħla ta' dan l-artiklu semmejna li bosta għamlu isem f'oqsma differenti tal-ħajja tagħna u fil-mixja tagħna fit-toroq ta' Ħal Qormi jaqgħu taħt l-attenzjoni tagħna ċertu ismijiet ta' toroq li jfakkruna f'dawn il-Qriema, u l-ewwel triq qiegħda tfakkarna f'Ġużè Muscat Azzopardi wieħed mill-aqwa Maltin li ħadem ħafna biex il-Malti, jiġi mogħti l-ġieħ mistħoq.

Ġużè kien Qormi mwieled fl-1 ta' Settembru ta' l-1853 u kien prokuratur legali. Waqqaf l-Għaqda tal-Kittieba tal-malti filwaqt li kien ukoll editur ta' bosta publikazzjonijiet bil-Malti bħalma kienu *Il-Ħbieb*, *In-Naħla Maltija* u tant oħrajn.

Fl-1924 sar l-ewwel editur tar-rivista *Il-Malti* li għamlet żmien twil tiġi ppubblikata, b'ħidma kbira ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Il-kittieb Franġisk Saver Caruana sejjaħ lil Ġużè Muscat Azzopardi *Il-Missier tal-Letteratura Maltija* u kellu ħafna raġun għaliex Ġużè ħalla warajh wirt kbir letterarju. Miet fl-4 ta' Awissu ta' l-1927.

F'Ħal Qormi, barra l-isem ta' din it-triq, insibu wkoll monument u kif ukoll irħama mad-dar fejn kien joqgħod.

Qormi ieħor, imfakkar f'isem ta' triq huwa l-Professur Ġużè Galea, li twieled fit-18 ta' Lulju ta' l-1901.

Fl-1928 sar tabib. F'din il-professjoni wettaq ħidma kbira b'riżq is-saħħa tal-poplu tagħna. Spiċċa din il-kariga bl-aqwa unuri fl-1961 bħala *Chief Medical Officer*.

L-imħabba għall-Malti xegħlet fih sa minn meta kien għadu żagħżugħ fl-Università, kemm hu hekk fl-1926 ippubblika l-istorja *Ħena u Ġid* li rebbħitu l-konkors imniedi mill-Akkademja tal-Malti.

Il-Professur Ġużè Galea ħallielna xogħlijiet letterarji mill-aqwa, uħud minnhom msejsa fuq ġrajjiet art twelidna bħalma huma r-rumanzi *San Ġwann*, *Raġel bil-Għaqal*, *Meta Nħaraq it-Tijatru* u oħrajn.

Dan il-Qormi miet fis-26 ta' Marzu ta' l-1978.

Fis-seklu għoxrin, Ħal Qormi ta personalità oħra li għenet ħafna t-tixrid tal-letteratura Maltija. Dan kien Ġużè Cardona. Triq f'żona ġdida ta' Ħal Qormi, qiegħda tfakkarna fih.

Ġużè twieled fit-30 ta' Marzu ta' l-1922 u studja fil-kulleġġ San Alwiġi u fl-Università u minn żogħżitu ħabb il-Malti. Fl-1961 tana r-rumanz *Manwel Gellel* ġrajja, imsejsa fuq il-ħajja tal-Qormin fi żmien il-Franċiżi u matul l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża. Cardona wkoll għamel studju dettaljat dwar il-poeta nazzjonali tagħna.

Miet fil-15 ta' Frar ta' l-1988 u ftit wara din it-triq issemmiet għalih. L-isem ta' Triq Ġużè Duca huwa

*L-Għaqda Mużikali Anici ssellem u tferraħ*

marbut ma' Qormi ieħor tas-seklu għoxrin. Ġużè twieled fil-21 ta' Jannar ta' l-1871 u minn ċkunitu wera li fih kellu t-talent tat-tpinġija u għalhekk bejn l-1885 u l-1889 kien skular tal-pittur Ġużeppi Calleja. Maż-żmien sar għalliem ta' l-arti ta' l-iskola ta' Bormla u aktar tard tal-liċeo. Dam f'din il-kariga sa l-1925. Ħa sehem f'bosta wirjiet u ħalla warajh bosta xogħlijiet ta' pittura, fosthom fil-knisja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Ġużè Duca kien ukoll imfittex bħala baritonu. Miet fl-24 ta' Ottubru ta' l-1948. Barra l-kwadri f'San Ġorġ, din it-triq hi tifkira oħra ta' dan il-Qormi li ta sehem siewi fil-qasam artistiku u kulturali tal-gżejjer tagħna.

Waqt li nkomplu nduru dan ir-raħal kbir naraw triq li ġġib l-isem Spiteri Fremond. Din hi tifkira ta' Qormi ieħor, Patri Ġużepp Spiteri Fremond, Patri Agostinjan, li twieled f'dan ir-raħal fl-1804 u sar saċerdot fl-1827. Dan il-Qormi Agostinjan, kien ġenju mużikali u ta kontribut kbir u siewi f'dan il-qasam artistiku matul is-snin tas-seklu dsatax. Dan il-kontribut ma kienx limitat biss għall-gżejjer tagħna, għaliex hu kien surmast u għalliem tal-mużika f'bosta bliet Taljani, f'Londra, Pariġi ukoll fil-Palestina.

Meta temm il-ħidma 'l barra minn xtutna reġa' lura Malta u hawn fetaħ skola mużikali u bħala allievi tiegħu kellu bosta Maltin, li fiż-żmien li ġie wara għamlu l-aqwa karriera mużikali.

Patri Spiteri Femond, miet fit-12 ta' Jannar tas-sena 1878 u din it-triq hi tifkira umli ta' dan il-mużiċista Qormi.

Isem ta' triq oħra li tiġbed l-attenzjoni tagħna hi Triq Dun Ġużepp Vella. Dan il-qassis kien mill-Belt Valletta iżda kellu rabta kbira ma' dan ir-raħal. Kien wieħed mill-aktar qassisin kolti tas-seklu tmintax għax kien duttur tat-Teoloġija u predikatur imfittex ħafna.

Fl-1733 laħaq kappillan ta' Ħal Qormi u baqa' f'din il-kariga sakemm miet fl-1776. Kien hu li ħabrek mal-Gran Mastru Emmanuel Pinto biex Ħal Qormi jikseb it-titlu ta' Belt. Dan l-unur ġie mogħti fil-25 ta' Mejju ta' l-1743. Fl-1776 ingħażel bħala vigarju tad-djoċesi ta' Malta.

Triq Ġanni Schembri hi marbuta ma' Qrmi ieħor tas-seklu tmintax. Dan twieled fis-7 ta' Marzu ta' l-1757. Kien suldat qalbieni u din il-ħidma wettaqha 'l barra mix-xtut ta' gżiritna u Ġanni dejjem ħareġ rebbieħ. Kien raġel ta' saħħa qawwija, iżda darba, waqt battalja fi Franza, waqa' priġunier.

Wara l-pesta ta' l-1813 reġa' lura Malta fejn baqa' jgħix sakemm miet fl-1868. Ġanni Schembri miet ta' mija u ħdax-il sena. Dan ifisser li hu twieled fi żmien il-Gran Mastru Pinto laħaq ukoll il-Gran Mastru Ximenes, Rohan u Hompesch u kif ukoll it-tmexxija tal-Franċiżi u ta' l-Ingliżi.

Filwaqt li nkomplu nduru t-toroq ta' Ħal Qormi naqsmu triq twila, wiesgħa u dritta msemmija għal Isqof Carmelo Scicluna li kien is-sitt isqof ta' Malta. Kien xieraq li f'dan ir-raħal tissemma triq għalih għaliex dan l-isqof twieled f'Ħal Qormi mitejn sena ilu jiġifieri fl-1800. Sar qassis ta' erbgħa u għoxrin sena, u wara l-istudji meħtieġa sar eżaminatur u kif ukoll imħallf tal-kawżi ekkleżjastiċi.

Fl-1875 il-Papa Piju IX ħatru isqof ta' Malta u baqa' f'din il-kariga sakemm miet fit-12 ta' Lulju ta' l-1888.

Fl-inħawi ta' wara l-knisja ta' San Ġorġ hemm triq imsemmij, *Triq il-Barrakki*. Dan l-isem jidwi daqsxejn stramb għaliex illum f'din it-triq ma naraw ebda barrakka, iżda mhux hekk kienet ix-xena fl-1813, meta pesta qalila laqtet il-gżejjer tagħna. Kemm-il darba kellhom jgħaddu mill-esperjenza ta' din il-marda qerrieda, iżda bla dubju waħda mill-aktar koroh kienet din ta' l-1813, li sa llum baqgħet magħrufa bħala *l-pesta l-kbira*. Fiha mietu 'l fuq minn erbat elef u sitt mitt ruħ.

Ħal Qormi tilef ħafna nies, biżżejjed ngħidu li hawnhekk mietu 'l fuq minn sitt mitt ruħ li wħud minnhom mietu f'dawn l-inħawi, billi hawnhekk kien hawn bosta barrakki għall-vittmi ta' din il-marda.

Nistgħu ngħidu li b'effett ta' din il-marda, f'Ħal Qormi daħlet il-qima lejn San Sebastjan, il-qaddis Patrun ta' din il-marda u għalhekk, kif inhi xieraq, illum f'dan ir-raħal insibu triq imsemmija għal dan il-qaddis.

Triq Narbona torbotna wkoll ma' San Sebastjan, għaliex Narbona, hu post fi Franza fejn twieled dan il-qaddis martri li d-devozzjoni tiegħu hi mxerrda ħafna madwar id-dinja.

Il-mixja tagħna f'Ħal Qormi tieqaf issa fi Triq Pietru Pawl Psaila. Min kien? Dan kien personalità oħra Qormija. Twieled fl-1780. Sar qassis u aktar tard professur tat-Teoloġija. Maż-żmien laħaq ukoll kappillan tar-raħal u fil-pesta l-kbira ta' l-1813 ħadem ħafna bħala l-aqwa eroj mal-vittmi milquta. Bejn l-1841 u l-1844 kien aġent rettur ta' l-Università. Miet fid-29 ta' Novembru ta' l-1853.

Bosta naħat ta' Ħal Qormi huma magħrufa bil-laqam. Dawn, ilhom jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra, u maż-żmien it-triq prinċipali ta' dawn l-inħawi, issemmiet hekk.

Hekk insibu Triq il-Blata. Dan qed ifakkarna fi knisja żgħira li tinsab fl-inħawi tal-wied. Hi mibnija fuq għolja tal-blat minħabba l-ilma li jgħaddi minn dawn l-inħawi. Għalhekk in-nies laqqmu din il-knisja bħala *Ta' Santa Marija tal-Blata* u dan il-laqam intrabat ma' din it-triq.

L-istess Triq San Ġwakkin. L-inħawi magħrufa għal dan il-qaddis jinsabu taħt it-triq ta' l-Imrieħel u ġew imsejħa hekk, għax l-art ta' dawn l-inħawi kienet tal-Markis Giacchino Barbaro Zimmerman. Fis-seklu tmintax twaqqfet hawn niċċa kbira f'ġieħ dan il-qaddis, u hekk l-inħawi bdew jissejħu *Fuq San Ġwakkin*. Illum, b'tifkira, it-triq li mill-Imrieħel twassal ħdejn dawn l-inħawi ssemmiet għal dan il-qaddis.

Kif inhu xieraq f'Ħal Qormi nsibu Triq San Ġorġ.

Dan il-qaddis ilu sekli sħaħ jiġi meqjum f'dan ir-raħal. B'rabta ma' l-istess qaddis huma wkoll it-toroq Anici, Capadocia u Lydda, il-post fil-Palestina fejn San Ġorġ irċieva l-

martirju fil-persekuzzjoni ta' Dijoklezzjanu.

Triq it-23 ta' April qiegħda tfakkarna fil-jum tal-festa liturġiku ta' dan il-qaddis.

Mill-imgħoddi dan ir-raħal kien magħruf għan-numru kbir ta' furnara li kienu jgħammru fih.

Il-ħobż tal-Qriema m'hanx bħalu! U għalhekk b'tifkira ta' din is-sengħa qadima marbuta ma' dan ir-raħal, triq ġdida f'Ħal Qormi ġiet imsemmija Triq il-Furnar. B'rabta ma' l-istess sengħa hi Triq l-Andar.

Din il-kelma tfisser qiegħa art għal għajn ix-xemx fil-kampanja fejn fl-imgħoddi kien jitferrex u jindires il-qamħ.

L-isem ta' din it-triq f'Ħal Qormi hu adattat ħafna billi l-qamħ, hu l-prodott prinċipali li minnu jsir il-ħobż.

Għandna wkoll Triq il-Ġebbieda. Din il-kelma hija wkoll marbuta mas-sengħa tal-funrar għaliex din il-kelma tingħad għal dik il-lasta jew pala twila li juża l-furnar biex jiġbed 'il barra l-ħobż li jkun diġà nħema.

Triq l-Armier teħodna mbagħad f'xaqliba qadima ta' dan ir-raħal, għaliex hekk kienet magħrufa biċċa art kbira u wiesgħa li kienet tinsab bejn Ħal Qormi u n-naħat magħrufa bħala *Ta' Ħandaq*.

Triq l-Għargħer 1979 qiegħda tfakkarna f'dak il-jum ikrah ta' Ottubru ta' dik is-sena meta xita qalila niżlet fuq il-gżejjer tagħna u għamlet ħafna ħsara u mietu wkoll xi nies.

Ħal Qormi ntlaqat sewwa u saret ħafna ħsara. Fl-inħawi ta' taħt Ħal Luqa l-ilmijiet qawwija kaxkru numru ta' vetturi. Hawnhekk ukoll mietu xi nies mgħarrqa. B'tifkira ta' din l-istraġi, triq ġdida fl-inħawi ssemmiet Triq l-Għargħar 1979.

Waqt il-mixja tagħna f'dan ir-raħal storiku nosservaw ismijiet ta' toroq li għalkemm m'għandhomx rabta ma' l-istorja u man-nies ta' Ħal Qormi, xorta waħda jiġbdu l-attenzjoni tagħna għax huma ismijiet li jiġbdu jqanqlu kurżità. Hekk hi Triq ir-Riġnu.

Din hi xitla, li twarrad ħafna f'Marzu u f'Ottubru u li tikber ħafna fl-irdumijiet tagħna, għalkemm illum naqset ħafna.

Din għandha weraq kbar b'sitt petali li huma tawwalin u fl-istess ħin imdarsin. Tagħmel ward f'għenieqed, li meta jinxef, isir għamla ta' żerriegħa ħamra li dawn ikunu velenużi. Minnhom jagħmlu ż-żejt li jkun magħqud ħafna. Fl-imgħoddi kien jittieħed bħala porga u kienu jużawh ukoll maż-żebgħa tad-drappijiet.

Triq oħra hi magħrufa bħala Triq il-Biegħa. Din il-kelma tfisser ġabra ta' affarijiet għall-bejgħ armati fuq karettun jew mifruxa fit-triq. Ġeneralment din il-kelma tintuża l-aktar għall-biegħa tal-ħaxix meħuda fil-Pitkalija biex tinxtara mill-bejjiegħa.

Għandna wkoll Triq l-Għammieri. Hekk hi magħrufa biċċa art marbuta max-xogħol tal-biedja l-aktar mat-trobbija tat-tjur u l-bhejjem.




**Għal xogħol ta' pittura u sfumar fuq bnadar u pavaljuni**

**Tonio Portelli**

**27, Pjazza Federiku Maempel, Qormi • Tel: 2148 5845**